**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta’ April, 2017

Rikors numru : 149/17 AL

**A B**
**Vs**
**Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b’digriet tad-29 ta’ Mejju 2017 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti**
**S P M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi fl-4 ta' Ottubru 1996 hija kienet izzewget lill-S P Mohammend ta' nazzjonalita' Libyana, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 19868A, fir-Registru taz-Zwieg Valletta u dan kif jindika id-dokument anness u mmarkat DOK 'A';

2. Illi bejn l-kontendenti qatt ma ezistiet il-hajja matrimonjali - l-intimat qatt ma hadem, kien jabbuza bir-rikorrenti, kellu l-vizzju tad-drogi u qatt ma kellhom assi flimkien.

3. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni u dan l-aktar ghax il-Libyan zewgha Sei FP M ghosfor u qatt ma ratu aktar;

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment jew prezunzjoni ghall-manteniment;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksieb tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Talbet, l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar l-4 ta' Ottubru 1996 Valletta Malta;

b. Tordna ir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti tavza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Hilda Ellul Mercet, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju, 2017;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti a fol. 9 tal-process;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-partijiet ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni (a fol 39 tal-process);

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-2006 (fol. 9 tal-process);

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.